**Ħuti ta' Tiananmen**

Kont bħall-jiem oħra nqaddes
Meta fil-waqt fil-knisja, fuq il-lemin,
Nara koppja ħelwa li mill-bogħod sewwa
Intbaħt, kienu barranin.

Għalhekk waqt il-quddiesa
Ħassejt li kelli nagħmel talba bl-Ingliż,
Ħalli dawn ħutna jħossuhom milqugħin
Mhux tassew ħelu dal-piż?

U hekk kien l-għaliex wara
Li ntemmet il-quddiesa w ħriġt mill-Knisja,
Il-Mulej ried li noħroġ w f'daqqa nsibhom
Flimkien u għalenija.

Lejhom ersaqt, kellimthom
Tbissima ħelwa minnhom jien irċevejt,
Mill-ewwel ħassejthom minn art imbegħda
Għax mill-ewwel ittendejt.

Ma kienux Filippini
Inkella mit-Taljandja jew mill-Vjetnam,
Mill-lewn u l-għamla tagħhom iċumbajthom,
Ċiniżi kienu, jam.

Il-filosfu Konfuċju
Fihom qalli: "Imxi bil-mod, la tieqafx",
Għalija kienet wisq kelma ta' faraġ
Dmugħ f'għajnejja ma waqafx.

Għax f'dawn l-aħwa tal-fidi
Intbaħt tassew kemm hi mportanti l-ħlewwa,
Għax meta l-qalb tazzarda tħobb minn qalbha
Hi teħlisna mid-dnewwa.

Ħa jgħaddu x-xhur u l-iżmna
Ma' dan-nies Alla laqqagħni, hekk nemmen,
Ħa jżomm il-Mulej barkietu hemm fuqhom
Lil ħuti ta' Tiananmen.

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.